**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 309/2021 AL

**A B**

**vs.**

**Dr. Leontine Calleja u l-P.L. Quentin Tanti appuntati bħala kuraturi deputati b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2022 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors maħluf[1] ippreżentat mill-attriċi fl-24 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu ppremettiet:

*Illi nhar it-13 ta' Ottubru 2012, minn relazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-konvenut C D, twieled E D, liema wild illum għandu disa' (9) snin, u dan*

[1] Fol. 1.

*kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dokument 'A';*

*Illi ftit tax-xhur ilu, u cioe għal ħabta ta' Awissu 2021, il-konvenut C D, li għandu nazzjonalita' Taljana, allontana ruhu minn Malta u rritorna lura lejn l-Italja, fejn presenzjalment huwa jinstab, minn liema pajjiż jidher li huwa ma għandux ħsieb jirritorna;*

*Illi l-assenza tal-konvenut C D qegħda tagħti lok għal diffikulatjiet diversi, fosthom fil-qasam edukattiv u dak tas-saħħa koncernanti l-minuri E D, u partikolarment fejn il-kunsens u/jew l-awtoriżazzjoni tal-missier tkun meħtieġa;*

*Illi għalhekk l-attriċi tqies li jkun opportun li hija tiġi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-minuri E D, u dan anke sabiex hija ma tibqgħax tirriskontra diffikultajiet f'każ li jkun hemm ħtieġa li waħedha tieħu deċiżjonijiet importanti li jirrigwardaw il-minuri, fosthom dawk li jirrigwardaw is-saħħa u l-edukazzjoni;*

*Illi inoltre, l-esponenti tixtieq li hija tapplika sabiex jinħareġ passaport f'isem il-minuri;*

*Illi inoltre, l-attriċi tqies li jkun ulti li tiġi ffissata retta alimentarja li l-konvenut C D, bħala l-missier naturali ta' E D, għandu jiġi minn din il-Qorti obbligat jivversa favur l-attriċi A B;*

*Illi b'digriet tal-14 ta' Diċembru 2021, kopja ta' liema qegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. 'B', l-esponenti ngħatat d-debita awtorizazzjoni sabiex tipproċedi b'din il-kawża.*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti ma għandiex:*

*1. tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E D, tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi u konsegwentement tawtorizża lil-attriċi sabiex waħedha tagħmel dawk id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw l-istess minuri u li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;*

*2. tiffissa dik ir-retta alimentarja pagabbli mill-konvenut C D lill-attriċi A B b'dik il-modalita' ta' ħlas u żmien li jogħġobha todna din il-Qorti, u dan fir-rigward tal-minuri E D jew altrimenti tordna lill- konvenut C D jħallas somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex tkopri l-bżonnijiet ta' kuljum u dawk ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri;*

*3. tordna lill-konvenut C D jħallas lir-rikorrenti A B dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u ffissata;*

*4. tordna lill-konvenut C D jħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u ta' edukazzjoni u bżonnijiet oħra inkorsi mill-attriċi minn żmien għal żmien fir-rigward tal-minuri E D;*

*5. tawtorizża lill-attriċi sabiex waħedha u għad-eskluzzjoni tal-konvenut C D tapplika għall-passport f'isem il-minuri E D.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-att tat-twelid tal-minuri E D[2] li jġib in-numru progressiv 4871 tas-sena 2012;

Rat kopja tad-digriet tal-14 ta’ Diċembru 2021,[3] fejn il-medjazzjoni ġiet dikjarata magħluqa u l-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b’rikors ġuramentat;

Rat illi b’digriet tas-26 ta’ Ottubru 2022[4] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti u r-risposta ġuramentata tal-istess Kuraturi,[5] fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*1. illi l-esponenti ma gietx nnotifikata bid-digriet li permezz taghha l-attrici giet awtorrizata sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna bin-numru 893/21, izda skond ir-rikors guramentat, din hija datata 21 ta' Ottubru 2021 izda*

---

[2] Fol. 9.
[3] Fol. 10.
[4] Fol. 25.
[5] Fol. 29.

*r-rikors guramentat gieipprezentat fit-23 ta' Dicembru 2022 u għalhekk mhux entro t-termini ta' xahrejn u għalhekk din il-kawza hija nulla;*

*2. Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk jkun il-kaz.*

*3. Il-Kuraturi jitolbu li jingħataw l-aħħar indirizz eletroniku magħruf tal-intimat minnhom rapprezentati, sabiex jistgħu jagħmlu kuntatt mal-assenti.*

*4. Illi hija l-attrici li trid jikkonvincu lil Onorabbli Qorti li t-talbiet taghha jistghu jigu ipprovati;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjes kontra r-rikorrenti*

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri[6] tal-Kuraturi Deputati fejn ġie eċċepit :

*1. illi l-esponenti gew mahtura sabiex jirraporezentaw lil C D li skond l-attrici allontana ruhu minn Malta fis-sena 2021;*

*2. illi huwa minnu li l-esponenti ipprovaw jaghmlu kuntatt mal-assenti minnhom irraprezentata fl-indirizz li inghata milhom mill-attrici u ma rcevew ebda risposta izda din ma tistax titiehed bhala prova li l-esponenti m'ghadnu ebda interess fit-tifel tieghu;*

*3. illi l-attrici gja ghandha l-kura u l-kustodja li inghatat pendente lite u huwa fl-interess tal-minuri li dan jigi ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti izda l-Qorti ghandha tipprovdi ghal-access tal-missier f'kaz illi jigi lura Malta;*

*4. Illi ghal din ir-raguni l-esponenti kuraturi qeghdin jissugerixxu li f'kaz illi l-missier jigi lura Malta ghal xi zmien qasir jkollu access ghal tlett darbiet fil-gimgha matul il- perjodu li jkun Malta u f'kaz illi jigi lura b'mod*

[6] Intavolata fis-27 ta' Novembru 2023 a. fol. 56.

*permanenti dan l-access ghandu jaqleb ghal darbtejn fost il-gimgha u gurnata matul il-weekend;*

*5. illi t-talba ghal tlett mitt eur fix-xahar bhala manteniment huwa ferm esagerat tenut kont illi ma gewx ipprezentati id-dhul finanzjarju kell tal-attirici kif ukoll tal-assenti minnhom rapprezentati u għalhekk se mai ghandu jkun ta' €200 fix-xahar jew dik is- somma li din l-onorabbli joghgobha timponi.*

*Tant ghandhom l-esponenti jissotomettu ghal sal gudizzju tal-Onorabbli Qorti.*

Rat illi waqt is-seduta tat-2 ta’ Frar 2023[7] Dr Leontine Calleja irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha rigward it-terminu ta’ xahrejn sabiex tiġi ppreżentata l-kawża;

Rat in-nota tal-Kuraturi Deputati ppreżentata fil-11 ta’ Ottubru 2023[8] fejn biha ppreżentaw dokumentazzjoni li turi t-tentattivi li saru mill-Kuraturi kemm bil-posta u bil-posta elletronika biex jagħmlu kuntatt mal-konvenut;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attriċi permezz ta’ affidavit quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet[9] tal-attriċi;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-azzjoni odjerna

[7] Fol. 32.
[8] Fol. 49.
[9] Fol. 53.

L-attriċi permezz ta' din il-kawża qiegħda titlob lill-Qorti sabiex takkordalha l-kura u kustodja tal-minuri E D, binha u iben il-konvenut assenti, li twieled fit-13 ta' Ottubru 2012 minn relazzjoni li kellhom il-partijiet bejniethom. Hija titlob ukoll illi l-Qorti tiffissa manteniment għall-minuri u ordni sabiex jitħallsu nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi. Dan wara li l-konvenut abbanduna kompletament lill-attriċi u lil binhom u telaq mill-pajjiż mingħajr ma għamel iktar kuntatt magħha u l-attriċi ħadet ħsieb tal-ħtiġijiet tal-minuri, anke dawk finanzjarji, weħedha minn dak iż-żmien.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut, li huwa assenti minn Malta, qiegħed jiġi rappreżentat minn kuraturi deputati, li min-naħa tagħhom ippruvaw jagħmlu kuntatt mal-konvenut iżda ma rnexxilhomx. Minn naħa tagħhom eċċepew illi:

i. Il-fatt li ma rċevew l-ebda risposta mingħand il-konvenut ma tistax tittieħed bħala prova li huwa m'għandux interess fit-tifel;
ii. Għalkemm għandha tkun konfermata li l-attriċi jkollha l-kura u kustodja tal-minuri, il-Qorti għandha tipprovdi għall-aċċess tal-missier f'każ li dan jiġi lura Malta li għandu jkun ta' tliet darbiet fil-ġimgħa jekk jirritorna Malta għal żmien qasir u għal darbtejn fost il-ġimgħa u ġurnata matul il-*weekend* jekk jiġi lura b'mod permanenti;
iii. Illi t-talba ta' tliet mitt Ewro (€300) bħala manteniment fix-xahar huwa eseġerat tenut kont li ma ġewx preżentati provi tad-dħul finanzjarju taż-żewġ partijiet u għalhekk *se mai* għandu jkun mitejn Ewro (€200) fix-xahar jew dik is-somma li din il-Qorti jogħġobha timponi.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit preżentat permezz ta' Nota fl-atti fil-25 ta' Jannar 2022[10] u affidavit ieħor preżentat *seduta stante* fil-11 ta' Ottubru 2023[11]. L-attriċi tgħid illi l-konvenut kien f'relazzjoni magħha u kien jgħix fir-residenza tagħha ġewwa Bormla. Tgħid li kien vjolenti

[10] Fol. 19.
[11] Fol. 45.

magħha sa miż-żmien li kienet tqila iżda li hi baqgħet miegħu minħabba t-tqala. Fil-fatt baqgħet miegħu sa madwar sena wara li twieled it-tifel. Il-minuri twieled fit-13 ta' Ottubru 2012.

Tgħid li l-konvenut kien jara' kif jargumenta u jiġġieled magħha u maż-żmien indunat li anke kien jabbuża mid-droga u għalhekk ma riditx tibqa' f'relazzjoni miegħu u fil-fatt mar jgħix għal rasu. Baqgħu f'kuntatt minħabba t-tifel u anke tatu ċans ieħor fir-relazzjoni mingħajr ma marru joqgħodu flimkien. Tgħid iżda li kien għalxejn għaliex il-konvenut ma nbidilx u baqa' jargumenta u jigdeb. Tgħid li kienu għamlu ftehim dwar il-manteniment tat-tifel bl-għajnuna ta' Dr Duncan Borg Myatt sabiex iħallasha s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar iżda maż-żmien lanqas ma beda jżomm ma' dan il-ftehim għalkemm tgħid li dejjem kellu mpjieg.

Tgħid li l-konvenut kien ikollu diversi problemi finanzjarji tant li kemm-il darba spiċċa mingħajr servizzi tad-dawl u ilma, *internet* u telefonija u hemm kien jabbuża mill-ħniena tagħha għaliex kienet tispiċċa tħallas hi biex it-tifel ikun jista' jara t-television u juża' l-*internet* meta jkun għand missieru. Ġeneralment imbagħad kien iħallasha lura meta jirċievi l-paga. Skont hi kellu problemi finanzjarji minħabba l-vizzju tad-droga. Tgħid li darba anke ħadilha ħamsin Ewro (€50) mill-manteniment li kien għadu kif taha u wara li għal l-ewwel waħħal f'ibnu, ftit ġranet wara ammetta li kien hu li ħadilha l-flus u raddhomlha lura. Tgħid li hu qatt ma ried jagħmel kuntratt formali biex jirregola l-manteniment u għalhekk kellha tagħmel dawn il-proċeduri. Tgħid li ġieli kien jikkontribwixxi xi ħaġa iżda li mbagħad kien jgħaddi xhur sħaħ ma jħallasx. Tgħid li ommu kienet f'okkażjonijiet bagħtet il-flus hi lill-attriċi minflok il-konvenut.

L-attriċi tkompli li kienet taħdem mal-kumpanija Lotus iżda li fil-bidu tal-pandemija kienu waqqfuha u ilha mill-bidu tal-2020 tgħix fuq l-assistenza soċjali. Tgħid li l-konvenut kien jara lit-tifel f'xi okkażjonijiet iżda kien ikun irid li hi teħodlu t-tifel għandu u tipprovdilu l-ikel hi għaliex inkella ma kienx iżomm lit-tifel miegħu. Tgħid li kien hemm drabi fejn kienet twaqqfu milli jara lit-tifel mhux biss għaliex ma riedx jikkontribwixxi iżda wkoll għaliex kienet tibża' li jkun taħt l-effett tad-droga jew li jsibu xi kreditur. Tgħid li kienet taf li saħansitra kien jieħu d-depożiti mingħand

in-nies bil-wegħda li ser jagħmlilhom xi xogħol imbagħad ma jagħmlux u tkompli li kienet taf li l-kumpanija li kienet tieħu ħsieb il-lift fil-komun fejn kien jgħix kienu għamlulu anke sekwestru. Hija ma tafx li qatt irritorna Malta minn meta telaq minn hawn f'Awwissu 2021 jew jekk hux qatt ser jirritorna. Ovvjament minħabba f'dan tgħid li qed taffaċja diffikultajiet mhux biss ta' nuqqas ta support finanzjarju imma wkoll f'ċirkostanzi fejn ikollha bżonn il-kunsens tal-missier.

Tgħid li wara li kienet spiċċat bla xogħol fl-2020 kienet tirċievi l-benefiċċji soċjali sakemm sabet xogħol f'April 2022 bħala *cleaner* ġewwa skola primarja tal-gvern.

*Verżjoni tal-Konvenut Assenti u l-Provi Mressqa Minnu:*

Wara li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta ġuramentata iżda ma ressqux provi.

## 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

Artikolu 3B tal-Kap 16 jgħid kif ġej:

*(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li* ***jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw*** *lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Filwaqt li mbagħad Artikolu 7 japplika dak li jgħid Artikolu 3B għall-ġenituri kollha, anke jekk mhux miżżewwġin bħal ma hu l-każ odjern:

> *"**Il-ġenituri għandhom l-obbligu** li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Jirriżulta għalhekk mill-Liġi nostrana, kif imbagħad impoġġija fil-prattika mill-Qrati tagħna illi ż-żewġ ġenituri, miżżewwġin jew m'humiex,

għandhom l-obbligu li jindukraw lil uliedhom u jipprovdulhom kull wieħed skont il-bżonnijiet tagħhom. Il-ħsieb tal-Leġiżlatur kien ċar u waħdini – ma jistax wieħed iġib it-tfal fid-dinja mingħajr sens ta' responsabbilità jew sens ta' obbligu fil-konfront tagħhom. Meta l-Qrati tagħna jiġu biex japplikaw dawn l-Artikoli f'kawżi ta' kura u kustodja fejn allura l-ġenituri ma għadhomx f'relazzjoni bejniethom, jżommu f'moħħhom bħala ħsieb li fuqhom jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom l-aħjar interess tal-minuri.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[12] intqal illi: *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[13]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap 16."* Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata. Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u *ċioé* l-prinċipju tal-aktar utilità u dak tal-aqwa vantaġġ għall-minuri, il-Qorti għandha l-fakoltà li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kap 16, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat.

Il-Qorti għalhekk għandha tiddeċiedi fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u *ċioé* ma' min il-minuri ser jirrisjedu u fit-tieni lok dwar jekk għandhiex iċċaħħad lil xi ħadd mill-ġenituri mill-awtorità ossija kif se tiddisponi mis-setgħa ta' ġenitur. Artikolu 56 (5) tal-Kap 16 jgħid illi:

---

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003.
[13] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).

*"Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti."*

Il-Kap 16 jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat '*Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri*'. Il-provvedimenti saljenti huma l-Artikolu 131 u l-Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta’ kull piena oħra li għaliha jista’ jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista’ jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta’ setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista’ tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

F’dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G**[14], fejn f’ċirkostanzi simili din il-Qorti kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kap 16 huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta’ talba minn ġenitur sabiex jiġi fdat esklussivament bil-kura u kustodja ta’ ulied minuri li ma ssirx f’separazzjoni, u kienet *ex officio* ċaħdet lill-missier mill-awtorità ta’ ġenitur sabiex din l-awtorità tkun eżerċitata esklussivament mill-omm: *“Il-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-każ, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jeżistu l-estremi sabiex iċċaħħad lill-missier mill-awtorità ta' ġenitur sabiex tali awtorità tiġi eżerċitata esklussivament mill-omm.”*

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kap 16: *“B’dak kollu li jinsab f’kull disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici, il-Qorti tista’, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta’ ta’ persuna li tkun taht l-eta’ kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.”*

[14]Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta’ Marzu 2018( Rik. Gur. Nru. 192/16 RGM).

Il-Qorti tinsisti illi f'ċirkostanzi oħra, iż-żewġ ġenituri għandhom rwol importanti fil-ħajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u għalhekk l-ebda wieħed mill-ġenituri m'għandu jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied. Madanakollu l-liġi tagħna tagħraf illi jista' jkun hemm raġunijiet serji li jwasslu lill-Qorti li tieħu miżura daqshekk drastika. Kif ingħad, f'din il-materja il-Qorti tiġi gwidata mill-aħjar interessi tal-minuri, u għalhekk il-Qorti għandha teżamina jekk fiċ-ċirkostanzi huwiex fl-aħjar interess tal-minuri illi xi ħadd mill-ġenituri għandu jiġi żvestit mill-awtorità ta' ġenitur u li dan ikun iktar ta' ġid għalih.

L-istess Artikoli 3 u 7 tal-Kap 16 jagħmlu referenza wkoll għall-aspett finanzjarju tat-trobbija tal-ulied u ġaladrabba l-Qorti tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn parti mela dan neċessarjament ifisser li l-parti l-oħra għandu jikkontribwixxi għall-għajxien ta' uliedu billi jħallas manteniment għalihom favur il-parti l-oħra li hi wkoll naturalment tkun qed tagħti sehemha finanzjarjament għat-trobbija tal-ulied li għandha jgħixu magħha. Dan qiegħed jingħad il-linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawża **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John** [15] f'liema sentenza saret referenza għall-artikoli 3, 3B u 7 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ġja ċitati.

F'din is-sentenza l-Qorti qalet: *"Abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess... ... Kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-* ***mezzi rispettivi u l-bżonnijiet tal-istess minuri****, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dimirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk* ***jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-subartikolu ta' l-istess artikolu 20****."*

[15] Deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu tal-manteniment tal-minuri huwa obbligu assolut u dan jemmani mill-istess prinċipju tal-aqwa interess tat-tfal.

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana wkoll illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[16]

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti għandha quddiemha każ ta' omm illi qed titlob il-kura u kustodja ta' binha wara li jidher li l-missier konvenut telaq minn Malta u abbanduna kemm lilha u kemm lil binhom E. Hija titlob ukoll illi l-Qorti tiffissa retta alimentari pagabbli lilha għall-bżonnijiet ta' binha wara li anke meta kienu għadhom flimkien jidher li kellha ħafna miż-żmien terfa' l-piż finanzjarju kollu fuqha minħabba l-ħajja erratika li kien jgħix il-konvenut.

Il-Qorti għandha biss il-verżjoni tal-attriċi li minnha jirriżulta illi l-konvenut kellu problema sabiex jassumi r-responsabbilitajiet ta' missier minn meta kien għadu hawn Malta u f'kuntatt mal-omm u t-tifel. L-omm tixhed fl-affidavit tagħha illi meta kienu flimkien kien jargumenta ħafna magħha u kien hemm istanzi meta kien anke vjolenti magħha. Meta kien jieħu lit-tifel wara li l-partijiet ma baqgħux f'relazzjoni bejniethom kien jagħmel dan bil-kundizzjonijiet u *ċioé* li tibgħatlu l-ikel miegħu u li l-attriċi twasslu għandu. Tgħid ukoll li "*internet fid-dar ma kellux lanqas, u kont provdejtlu account fuq it-tablet jiena."*[17] Dan apparti li għal ħafna żmien tgħid li ma kienx jagħti manteniment sakemm waqaf għal kollox meta qata' l-kuntatt u telaq minn Malta. Barra minn hekk drabi oħra kienet tkun hi li ma tibgħatx lit-tifel għand missieru l-konvenut għaliex kienet tarah li kien ikun f'periklu minħabba li tgħid li missieru kien ikun taħt l-effett tad-droga u kienet ukoll tibża' minn kredituri. Kienet tinkwieta anke għaliex kienet taf li l-konvenut saħansitra kien jieħu d-depożiti mingħand in-nies biex jagħmlilhom xi xogħol u dan ix-xogħol ma jagħmlux.

[16] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik Nru 152/16 AL).
[17] Fol. 21.

Jirriżulta għalhekk li saħħa l-konvenut ma kienx qed jaqdi r-responsabbilitajiet ta' missier u jgħinha fit-trobbija ta' binhom huwa kien qed ifixkel bl-eżempju tiegħu u l-ħajja li kien qiegħed jgħix. Magħdud ma' dan huwa lanqas ma kkopera mal-omm meta din ġiet biex ipproponiet abbozz ta' ftehim dwar kura u kustodja u manteniment. Huwa baqa' sakemm traskura l-obbligi tiegħu ta' missier sal-punt li telaq mill-pajjiż u qata' kull kuntatt mal-omm mingħajr ma lanqas irranġa l-affarijiet qabel ma telaq u fformalizza l-kura u kustodja u l-manteniment għat-tifel.

Il-Qorti għalhekk għandha quddiemha każ ta' omm illi kellha ddawwar ħajjitha mal-fatt illi missier binha abbanduna lilha u lit-tifel u ħalliha taffaċja l-ħajja weħedha flimkien ma' binha.

Għalkemm il-Qorti ma semgħet ebda provi konkreti min-naħa tal-konvenut, jirriżulta bl-aktar mod ċar li kienet l-attriċi li minn wara li l-partijiet waqqfu r-relazzjoni ta' bejniethom assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri sakemm il-Qorti iddeċidiet b'digriet *pendente lite*[18] illi tilqa' t-talba tal-attriċi biex tkun fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri fid-dawl tal-abbandun tal-missier. Fil-kuntest ta' kollox, il-Qorti ma tarax għalfejn dan id-digriet m'għandux jiġi kkonfermat definittivament.

Mhux talli l-partijiet kienu waqfu mir-relazzjoni u l-attriċi kellha allura fil-prattika nqas sostenn mingħand il-missier, iżda l-missier beda jaġixxi b'mod li kien iktar ta' tfixkil milli ta' għajnuna għaliha sakemm fl-aħħar spiċċa li abbandunaha għal kollox. Jirriżulta ċar ukoll li l-istess attriċi għandha l-interessi tal-minuri għal qalbha, tant li sakemm kien għadu Malta kienet tipprova takkomoda lill-konvenut sabiex huwa jżomm kuntatt mat-tifel. Fl-aħħar kellha mbagħad tintavola l-proċeduri odjerni sabiex tassigura l-aħjar interessi tal-istess minuri. Barra minn hekk huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi l-abbandun inspjegabbli *da parti* tal-konvenut fil-konfront ta' ibnu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fil-konfront tat-tifel.

[18] Digriet tat-3 ta' Lulju 2023.

Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta illi fid-dawl tal-premess ikun fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u kustodja tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha *in vista* tal-fatt li ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni kuntrarja għal dan u li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* v. Francis Cauchi,**[19] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija "*tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom".*

Appena deċiż illi l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, il-Qorti tħoss li għandha wkoll tiddeċiedi dwar is-setgħa tal-ġenitur li tmur lil hinn mill-kura u kustodja kif spjegat hawn fuq. Għalkemm ma kienx hemm talbiet dwar dan, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**[20] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidħlu l-minuri "*huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri."*

Il-Qorti rat illi l-konvenut abbanduna għal kollox lil ibnu u li m'għandu l-ebda kuntatt mal-attrici, tant illi lanqas biss kien possibli li jiġi rrintraċċat għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri u għalkemm il-Kuraturi appuntati ppruvaw jagħmlu kuntatt miegħu kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni ppreżentata minnhom, huma ma rċevew l-ebda risposta. Il-konvenut ilu għalhekk ma jara lil ibnu minn meta telaq minn Malta fis-sena 2021, ma jistaqsix dwaru, u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tiegħu. Din il-Qorti tikkundanna dan id-diżinteress totali tal-konvenut, li hu aġir irresponsabbli u kuntrarju għan-natura, u ma jixraqx li tfajjel jibqa'

[19] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1)
[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4 ta' Marzu 2014.

għall-merce` ta' ġenitur li jonqos milli juri imħabba u interess tanġibbli fil-benessere tiegħu.

Dan l-abbandun minn naħa tal-konvenut jpoġġi wkoll lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli fil-prattika f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittieħdu fir-rigward tat-tifel, peress illi l-konvenut għamilha mpossibli għaliha li tagħmel kuntatt miegħu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri li ommu jkollha tirrikorri għal proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma tal-missier, bħal per eżempju deċiżjonijiet edukattivi jew xi deċiżjonijiet fl-ambitu mediku. Ċertu deċiżjoni jeħtieġu li jittieħdu fi żmien utli u anke qasir u ma hux ġust li l-attriċi tinkorri spejjeż kull darba u trid tiddependi wkoll fl-ispeditezza tal-Qrati sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni li fil-verità ġenitur bi buon sens ikun jista' jieħu waħdu.

Il-Qorti għalhekk hija konvinta illi jeżistu l-estremi sabiex il-konvenut jiġi mċaħħad mill-awtorità ta' ġenitur, sabiex din tigi eżerċitata esklussivament mill-attriċi ommhom u dan *ai termini* tal-artikolu 154 (1) (e) tal-Kap 16.

Dwar l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati dwar l-aċċess u li l-konvenut xorta fiċ-ċirkostanzi għandu jingħata aċċess għal ibnu, il-Qorti hawn ukoll tapplika l-prinċipju ta x'inhu l-aħjar għall-minuri u tħoss illi wara li l-konvenut abbanduna lil ibnu b'dan il-mod fejn qata' kull kuntatt u ma wera li għandu l-ebda interess fit-trobbija tiegħu, ma għandiex tipprovdi dwar aċċess fil-preżent. F'każ illi l-konvenut jiddeċiedi li jrid jerġa' jibni kuntatt mat-tifel, filwaqt li l-Qorti tfakkar li l-ulied ma humiex ġugarelli li wieħed jista' jużahom biss meta jfettillu u meta komdu għalih, tordna illi f'dak il-każ il-missier għandu jintavola rikors sabiex din il-Qorti tiddeċiedi skont iċ-ċirkostanzi dwar jekk ikunx san għat-tifel illi jiltaqa' ma' missieru u f'liema ċirkostanzi u b'liema modalitajiet għandu jsir dan.

Dan ma jfissirx però li l-missier għandu jkun eżonerat mill-obbligu li jagħti manteniment lill-omm għall-minuri. Anzi f'din is-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-omm hija għandha bżonn iktar u iktar ta' għajnuna finanzjarja meta l-konvenut missier abbanduna għal kollox l-obbligi tiegħu u allura l-omm trid tara kif ser ikollha introjtu biżżejjed sabiex

trabbi lil binhom u fl-istess ħin trabbih weħedha. Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar *pro et noe* vs Daniel Schembri** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 2015, liema raġunament kien ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016: *"Il-Qorti qiegħda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul."*

Kif irriżulta iktar 'il fuq tali obbligu tal-manteniment ma huwiex xi wieħed frivolu, iżda huwa wieħed sanċit mil-liġi stess u l-messaġġ waħdieni li din il-Qorti trid tgħaddi huwa li qabel ma wieħed jipprokreja l-ulied għandu jara li jkun f'pozizzjoni fiżika, mentali u finanzjarja li jista' jieħu ħsieb l-istess ulied, u li jkollu d-diċenza jerfa' r-responsabbilità li jġibu magħhom l-ulied u li tali responsabbilità ma tiġix abbandunata wara ftit taż-żmien wara li titwieled it-tarbija.

Il-liġi nostrana tagħti gwida ta' kif għandu jkun ikkalkulat il-manteniment ibbażat fuq il-**mezzi rispettivi tal-ġenituri u l-bżonnijiet tal-istess minuri**. Għalkemm l-attriċi tagħmel talba sabiex tiġi ffissata retta alimentari għal binha hija la ġġib provi tal-introjtu tagħha u tal-konvenut u tal-ħiliet tagħhom u lanqas tal-bżonnijiet partikolari ta' binha. Il-Qorti fil-fatt diġà ddeċidiet dwar ammont ta' manteniment *pendente lite* fejn permezz ta' digriet tal-1 ta' Ġunju 2022 ordnat illi l-konvenut iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) bħala manteniment għall-minuri fix-xahar. Kif ġie eċċepit[21] l-attriċi ma provdiet la prova ta' introjtu tagħha u tal-konvenut u lanqas prospett ta' nfieq għat-tifel iżda qalet illi t-tifel qed jikber u l-bżonnijiet tiegħu dejjem jiżdiedu.

Għalhekk il-Qorti jkollha tasal għal ammont *arbitro boni viri*. Il-Qorti għalhekk tordna lill-konvenut, iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għall-minuri E, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-konvenut huwa

[21] Fol. 56.

obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *childrens allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma dak li se jiġi deċiż u taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri E D għandha tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana li l-minuri għandu jibqa' jirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għall-minuri E, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi depożitat direttament lill-attriċi f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kap 16, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *childrens allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

3. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

4. Tilqa' l-ħames talba.

Bl-Ispejjeż kollha kontra l-konvenut.